MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Talba Numru. 207/2006

**Isabella Camilleri Aquilina**

**vs**

**Kunsill Lokali Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallasha is-somma ta' disa' mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm938.65), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, mija u sitta u tmenin Euro u sebgha u erbghin centezmi (€2,186.47), rapprezentanti kwantu ghal mitejn lira (Lm200), illum ekwivalenti ghal erba' mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), *qualification allowance* kwantu ghal tlett mija u tlettax-il lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm313.32), u cioe' ekwivalenti ghal seba' mija u disgha u ghoxrin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€729.84), rapprezentanti disat ijiem u nofs *leave* u kwantu ghal erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u

tlieta u tletin centezmu (Lm425.33), illum ekwivalenti ghal disa’ mija u disghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€990.75), rapprezentanti hamsa fil-mija (5%) *performance bonus* dovuta lill-attrici. Bl-ispejjes u l-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut li eccepixxa illi l-pretensjonijiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mhux dovut.

Illi dwar l-ammont mitlub mill-attrici in konnessjoni ma’ *leave* mhux mehud, il-Kunsill konvenut iwiegeb illi huwa m’ghandux ihallas ghal dan il-*leave* billi kien hemm granet jew perjodi fejn l-attrici kienet assenti minghajr gustifikazzjoni.

Ra x-xhieda tal-attrici li kienet tahdem bhala Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill ta’ H’Attard u tghid li waslet ghall-ammont pretiz, billi kien hemm mitejn lira Maltin (Lm200), u cioe’ ekwivalenti ghal erba’ mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), bhala *qualification allowance,* u dan skond is-*Services Management Code*. Kien hemm tlett mija u tlettax-il lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm313.32), u cioe’ ekwivalenti ghal seba’ mija u disgha u tletin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€739.84), u dawn kienu jirrapprezentaw disat ijiem u nofs *vacation leave* li kienet intitolata ghalihom u dawn jinhadmu *pro-rata* skond il-paga. Dawn kienu gew ikkonfermati mill-Labour Office.

Tghid li waslet ghal disat ijiem u nofs, peress li suppost il-kuntratt taghha kellu jispicca f’gurnata li kienet Festa Pubblika (31 ta’ Marzu) u kienet irceviet ittra li biha giet infurmata li kien qed jigi tterminat l-impjieg taghha, u ghalhekk ma setghatx tiehu l-*leave* fil-hin.

Kienet ukoll qed titlob l-ammont ta’ erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm425.33), illum ekwivalenti ghal disa’ mija u disghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€990.75), li huma hamsa fil-mija (5%) *performance bonus* u dan kien obbligatorju skond il-ftehim

kollettiv, ghaliex huwa l-minimu li hu dovut, minkejja li jista’ jitla’ sa’ ghaxra fil-mija (10%).

Skond il-proceduri quddiem l-Ombudsman, in fatti giet intitolata tithallas *performance bonus* bl-ghaxra fil-mija (10%).

Dwar is-*sick leave* li l-Kunsill konvenut qed isostni li kienet hadet aktar minn dak li kienet intitolata ghalih, tghid li m’huwiex minnu u li ghalkemm ghal habta ta’ Jannar, 2003 kienet ghamlet operazzjoni u t-Tabib kien rrakkomanda li taghmel sitt (6) gimghat *recovery period*, hi kienet hadet biss tlett (3) gimghat *recovery period* u mbaghad kienet ghamlet xi erba’ (4) gimghat tidhol in-nofs ta’ nhar ta’ filghodu, kif ukoll kienet tattendi ghal laqghat.

Tghid li sa meta fethet din il-kawza qatt ma kienu talbuha sabiex thallas lura l-flus li hadet, talli abuzat mis-*sick leave*, kif qed isostni l-Kunsill konvenut. Tghid li dejjem hadet *full pay* u *full performance bonus* u qatt ma ttiehdet xi azzjoni dixxiplinarja kontra taghha. Kienu tawha n-*notice money* u giet mhallsa *in full*.

L-attrici tispjega ukoll li kien fis-27 ta’ Marzu, 2003 meta s-Sindku Norbert Pace kien infurmaha li ma kienx ser igedded il-kuntratt taghha u kien qallha li setghet tiehu z-zmien li kien fadlilha *leave*. Peress li f’dik il-gimgha stess kien hemm Festa Pubblika ma setghetx tiehu disat (9) ijiem *leave* u ghalhekk kienet talbitu li tithallas bhala *vacation leave*. F’dik is-sena partikolari kien fadlilha xi sitt (6) jiem u kien fadlilha xi tlett (3) ijiem ohra mis-sena ta’ qabel.

L-attrici tichad li ghamlet zmien twil barra mix-xoghol, anzi t-Tabib kien irrakkomanda li ghandha taghmel sitt (6) gimghat barra, izda kienet damet biss tlieta (3) effettivament. Kienet avzat lis-Sindku verbalment b’dan il-*leave*. Tikkonferma li l-Kunsill kien jaf b’dan, tant hu hekk li l-istess Sindku kien ghamlilha l-arrangamenti sabiex taghmel l-operazzjoni go l-Isptar, fejn fil-fatt giet operata

Ra x-xhieda ta’ Norbert Pace li jokkupa l-kariga ta’ Sindku tal-Kunsil Lokali ta’ H’Attard. Ighid li l-attrici mill-bidunett ma kienitx tahdem u tmur tajjeb fir-relazzjonijiet taghha mal-iskrivani tal-Kunsill. Ma kienitx disposta tahdem maghhom u din l-atmosfera ma kienitx wahda tajba u bhala Sindku kienet qed tikkrejalu problema.

Ighid ukoll li kull tant zmien kienet taqbad ma’ skrivan wiehed, u darb’ohra ma’ iehor, imbaghad kienet tevita kull konfrontazzjoni maghhom meta kienu jmorru ghas-soddisfazzjon. Kien ghalhekk li kien qed jikkunsidra li ma jgeddidx il-kuntratt taghha u lanqas itiha l-*performance bonus*.

Ighid ukoll li kien hemm problema ta’ komunikazzjoni bejniethom ghaliex lanqas ma kienet tghidlu x’kienet qed tippretendi minghandu, jew sahansitra thallilu x-xoghol fuq id-*desk* bla ma tinfurmah x’kienu l-problemi taghha.

Inoltre, s-Sindku jispjega li l-attrici kienet *in breach of contract* ghaliex skond il-kuntratt ta’ impieg taghha, kellha tahdem mid-9.00a.m. sal-5.00p.m., izda minhabba ragunijiet personali taghha, u peress li kien komdu ghaliha, bdiet tahdem mis-7.00a.m. sat-3.00p.m. u dan ma kienx konvenjenti ghar-residenti ghaliex kien jinsisti li l-Kunsill ghandu jibqa’ miftuh ghas-servizz taghhom.

Kien hemm ukoll problemi fis-sens li kienet titlaq kmieni meta kien ser ikun hemm laqgha. Kienet ukoll tiehu *time off in lieu*, meta skond il-kuntratt ma setghetx tithallas ta’ hin *extra* li tkun hadmet.

L-attrici ukoll kienet hadet aktar *sick leave*, minn dak li kien irrakkomanda t-Tabib u minghajr l-awtorizzazjoni tieghu. It-tabib kien irrakkomanda li ghandha tiehu tlett (3) gimghat *leave*, filwaqt li l-attrici kienet hadet tlett (3) xhur kollha bhala *sick leave* bejn Jannar u Marzu. Kienet ukoll gieli hadet xi *vacation leave* minghajr l-awtorizzazjoni tieghu u lanqas tnizzlet fir-*records* tal-*leave* taghha.

Ghalhekk, is-Sindku jinsisti li ma kienitx intitolata ghal disat (9) ijiem *leave* li kienet qed titlob u dan minhabba li kienet diga' hadithom.

Jikkonferma li l-attrici kienet hadet tlett (3) xhur *leave*, meta suppost kull ma kellha tiehu kienu tlett (3) gimghat. Ighid li l-attrici qatt ma kienet ghamlet karti tas-*sick leave*. Jichad li kienet bdiet tidhol nofs ta' nhar biss wara tlett (3) gimghat u jinsisti li r-ragel taghha kien jmur l-ufficju u kien jigbor l-posta u kien ighaddihom lill-attrici. Jikkonferma ukoll li kien hemm xi zmien meta l-attrici, waqt il-*leave* kienet tattendi ghal xi laqghat u kien hemm forsi darbtejn.

Ighid li l-attrici kienet hadet aktar *sick leave* milli kienet intitolata ghalih. Kienet tinfurmah bl-*sms*, izda kien avzaha li kienet qed tiehu aktar *leave* milli kienet intitolata ghalih, kif ukoll jekk riedet tiehu l-*leave*, kellha tapplika kif suppost. Anke, waqt li kienet qed tigi rikoverata kienet hadet xi beneficcju tal-mard u dawn suppost jintraddu lura lil Kunsill, izda dan ma sarx u ghalhekk hass li kellu jaqtaghhomlha mill-paga. Dan kien assumih minhabba li generalment minhabba mard jintbaghtu ic-certifikat medici lid-Dipartiment tal-Beneficcji Socjali.

Ighid ukoll li qatt ma kien ta *qualification allowance* lil hadd.

Ra x-xhieda ta' Marika Mifsud li ilha tahdem mal-Kunsill Lokali sa mis-sena 1994 u kienet tokkupa l-kariga ta' Skrivana. Meta tterminat l-impjieg taghha l-attrici, kienet applikat u hadet postha bhala Segretarja Ezekuttiv u tghid li ilha tokupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin.

Tispjega li l-attrici kienet applikat ghal *vacation leave* minhabba li kellha taghmel operazzjoni u originarjament kellha tiehu *leave* mis-27 ta' Jannar, 2003 sal-14 ta' Frar, 2003, b'kollox tlett (3) gimghat.

Pero', tghid li l-attrici ma kienitx dahlet lura ghax-xoghol qabel l-1 jew t-2 ta' April, 2003, u mill-14 ta' Frar, 2003 u l-1 ta' April, 2003 tghid li l-attrici kienet dahlet xi tlett (3) darbiet biss.

Kien hemm okkazzjoni wahda fejn wiehed mill-impjegati kien mar ghaliha d-dar ta’ omm l-attrici r-Rabat, u darbtejn ohra kienu meta kienet attendiet ghal laqghat li nzammu fi Frar u Marzu, rispettivament.

Tispjega ukoll li kull nhar ta’ Gimgha, ir-ragel tal-attrici, kien imur u jigbor il-*file* tax-xoghol ta’ martu u kien jerga’ jirritornah kull nhar ta’ Tnejn bl-istruzzjonijiet tax-xoghol.

Ix-xhud tinsisti li c-certifikati medici ma kienux isegwu u inoltre kien hemm perjodi fis-sena 2004, meta l-attrici kienet hadet *leave* minghajr ma pproduciet certifikati.

Bhala Segretarju Ezekuttiv kienet intitolata b’kollox li tiehu tletin (30) gurnata *sick leave full pay*, pero’ tul is-sena 2003, meta l-attrici kellha taghmel l-operazzjoni kienet hadet hamsa u erbghin (45) gurnata *full pay leave* u rega’ kien hemm sebat (7) ijiem ohra fejn thallset *full pay* li b’ kollox jigu jammontaw ghal tnejn u hamsin (52) gurnata *full pay*.

Ix-xhud tinsisti li l-Kunsill konvenut m’ghandu jtiha xejn, lanqas id-disat ijiem u nofs li qed titlob.

Tikkonferma li din l-informazzjoni gabbritha mill-*file* li kien accessibli ghall-impjegati kollha tal-Kunsill u li ma kienx minnu li dan kien jinzamm maghluq ghand is-Sindku.

Tghid li kien il-Kunsill li kien iddecieda waqt laqgha, li l-attrici mhix intitolata li tircievi l-*performance bonus* ghas-sena 2004 – 2005. Din id-decizjoni kienet wahda unanima, u din kienet decizjoni li ttiehdet fil-21 ta’ April, 2005. Kien hemm Kunsillier li dakinhar kien assenti.

Fil-*collective agreement* tas-Segretarju Ezekuttiv hemm stipulat li dawn huma intitolati ghal minimu ta’ l-anqas hamsa fil-mija (5%) sa’ massimu ta’ ghaxra fil-mija (10%) bhala *performance bonus*, pero’ ma kienitx certa jekk din l-imposizzjoni diga’ kienitx tezisti jew le.

Tghid li kien hemm decizjoni minghand l-Ombudsman fejn kien qabel li l-attrici ghandha tinghata *performance bonus* ta’ hamsa fil-mija (5%).

Ix-xhud baqghet tinsisti li sa’ April, 2003 l-attrici ma kienitx bdiet tidhol regolarment.

F’dan l-istadju sar konfront mal-attrici li tinsisti li ghal ewwel tlett (3) gimghat ma kienitx dahlet xoghol, u wara kienet tidhol filghodu biss. Kienet ghamlet dan il-ftehim verbalment u dak kien l-izball, izda tinsisti li kienet tidhol fighodu biss ghal tlett (3) gimghat u kien iwassalha r-ragel u mbaghad kienet tmur lura ghand ommha ma’ Joe Stellini, li kien impjegat il-Kunsill ukoll.

Wara kienet bdiet tidhol regolarment.

Bhala konferma li kienet bdiet tidhol wara tlett (3) gimghat tghid li l-Kunsill taghhom kien wiehed mill-ewwel Kunsill li ghalaq l-*audited accounts* u l-istess Awditur Generali kien taha sal-31 ta’ Marzu, 2003 biex taghlaq il-kotba peress li kellha taghmel l-operazzjoni f’Jannar.

Waqt il-konfront, ix-xhud Marika Mifsud, terga’ tinsisti li l-attrici kienet dahlet biss darbtejn ghal laqghat u kienet regghet dahlet darb’ohra meta kien hemm xi ftuh ta’ *tenders*, u dan bl-ebda mod ma jfisser li kienet tidhol filghodu regolarment.

Tghid li l-attrici ma kienitx tiffirma *attendance sheet* bhalma taghmel hi kuljum.

Ic-certifikat mediku ta’ attrici kien minn nofs Frar sa’ l-ahhar ta’ Marzu. Ma kienx hemm awtorizzazzjoni sabiex l-attrici ma tattendix ghax-xoghol f’dak il-perjodu.

Tghid li hi u l-attrici kienu hbieb ghal bidu, izda wara l-operazzjoni r-relazzjonijiet ma kienux baqghu tajbin.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

L-attrici, li kienet tokkupa l-kariga ta’ Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali ta’ H’Attard, qed tfittex lill-istess Kunsill sabiex tithallas il-*qualification allowance*, li tinsisti kienet intitolata ghaliha. Kien hemm ukoll xi *vacation leave* li ma kienitx thallset tieghu u fl-ahhar qedgha tinsisti li tiehu *performance bonus*.

Dwar il-*qualification allowance*, it-Tribunal josserva, li minkejja li saret referenza ghaliha, l-attrici ma semmiet xejn dwar kif kienet ikkalkolat dan l-ammont u kif kienet waslet ghaliha. Tghid li dan l-ammont li kienet qed tippretendi fis-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200), u cioe’ ekwivalenti ghal erba’ mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), u kien jirrizulta mis-*Services Management Code*.

Pero’, peress li l-attrici qed titlob hlas ta’ *allowance*, kien fl-obbligu taghha li tipproduci l-provi dwar dan il-pagament u minn fejn jirrizulta. Dan ma sarx u sahansitra lanqas biss ma esebit is-*Services Management Code*.

L-unika darba li ssemma’ dan l-*allowance*, dan kien meta xehed is-Sindku Norbert Pace li kkonferma li qatt ma kien tah *qualification allowance*, lil ebda impjegat.

F’dan is-sens, ghalhekk, it-Tribunal ihoss li l-attrici ma rnexxielix tikkonvincih li din l-*allowance* kien dovuta lilha u fuq liema kwalifiki kienet qed titlob dan l-*allowanc,e* u ghalhekk ser ikollu jirrespingi l-ewwel talba tal-attrici.

Dwar l-ammont ta’ tlett mija u tlettax-il lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm313.32), u cioe’ ekwivalenti ghal seba’ mija u disgha u ghoxrin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€729.84), l-attrici tghid li dawn kienu jirrapprezentaw disat ijiem u nofs *vacation leave*.

Fuq dan il-punt hemm divergenza bejn il-kontendenti. L-attrici tinsisti li kienet bdiet tidhol tlett (3) gimghat wara x-xoghol, minkejja li t-Tabib kien isugerixxa li ghandha taghmel sitt (6) gimghat barra mix-xoghol. In sostenn ta’ dan l-attrici esebit cetifikat mediku.

Il-Kunsill konvenut jinsisti li m'ghandu jaghti l-ebda hlas ta' *vacation leave* kif qed tinsisti l-attrici u dan ghaliex kien hemm diversi granet li kienet hadet *leave* u dawn ma tnizzlux jew gew indikati fil-*file* taghha. Ix-xhud Marika Mifsud tinsisti li l-attrici kienet baqghet barra mix-xoghol mis-27 ta' Jannar, 2003 sat-2 ta' April, 2003, u cioe' li kienet baqghet barra ghal madwar xahrejn. Kienet dahlet biss kull darba li kien hemm laqgha tal-Kunsill, u dan kien darbtejn b'kollox. Marika Mifsud tinsisiti li l-attrici kienet effettivament hadet tnejn u hamsin (52) gurnata *sick leave b'full pay* meta kienet intitolata ghal tletin (30) gurnata biss.

Tikkonferma li kien imur ir-ragel taghha sabiex jigbor ix-xoghol taghha, izda zgur ma kienx minnu li kienet tidhol nofs ta' nhari, kuntrarjament ghal dak li qed isostni l-attrici li tghid li ghamlet zball ghaliex kienet ftehmet mas-Sindku verbalment li ser tidhol ghal bidu nofs ta'nhari biss.

Il-verzjoni tal-attrici hija li meta s-Sindku kien infurmaha li ma kienx ser igeddilha l-kuntratt ta' impjieg taghha, u kien qalha li setghet tiehu l-*leave* li kien fadal, pero' peress li l-ghada kienet Festa Pubblika ma setghetx tiehu l-*leave* ta' disat ijiem u nofs u ghalhekk kienet qed tinsisti li tithallas ta' dawn il-granet peress li ma kienx hemm *records* taghhom.

It-Tribunal jaqbel ukoll mal-verzjoni moghtija mix-xhud Marika Mifsud li kienet l-aktar konsistenti fix-xhieda taghha, li c-certifikati medici (ghal beneficcju tal-mard) esebiti ma kellhomx *serial number* li jsegwi u stranament, meta l-ewwel certifikat (*serial number* C748806) jindika li l-attrici giet ezaminata fis-7 ta' Frar, 2003 u kien jindika li kienet tajba ghax-xoghol gimgha wara, fl-14 ta' Frar, 2003.

Ic-certifikati li jsegwu jgibu *serial number* akbar (C748896 u C748897) jindikaw li kienu raw lill-attrici fl-24 ta' Jannar, 2003 u fil-31 ta' Jannar, 2003 rispettivament u kienu hallew il-perjodu meta setghet tidhol ix-xoghol bhala *open*. Il-haga stramba hija, li madwar gimgha wara, hemm

certifikat li setghet tidhol lura sal-14 ta’ Frar, 2003. Minhabba dawn il-provi konfliggenti, it-Tribunal m’huwiex konvint li l-attrici dahlet wara tlett (3) gimghat, hlief ghal dawk il-granet li gie kkonfermat li kienet attendiet ghal laqghat.

Oltre minn hekk, l-attrici tametti hi stess li hi u s-Sindku tal-Kunsill konvenut kienu jiftiehmu verbalment u anke bil-*sms* u ghalhekk fuq bazi ta’ probabilita, l-attrici setghet tkun infurmatu b’xi *leave* li imbaghad ma zammitx *records* taghhom

Ghalhekk anke din it-talba m’ghandhiex tigi akkolta mit-Tribunal.

Dwar it-tielet talba, fejn qed tintalab *performance bonus* fl-ammont ta’ hamsa fil-mija (5%), u cioe’ l-ammont ta’ erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm425.33), u cioe’ ekwivalenti ghal disa’ mija u disghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€990.75).

Il-Ftehim Kollettiv tas-Segretarju Ezekuttiv, datat 27 ta’ Settembru, 2004 jikkontempla li s-Segretarju Eezekuttiv ghandhu jkun intitolat ghal hlas ta’ *performance bonus* b’minimu ta’ hamsa fil-mija (5%) mill-paga u dawn dejjem iridu jithallsu, filwaqt li mbaghad dan il-*bonus* jista’ jithallas sa’ massimu ta’ ghaxra fil-mija (10%).

L-attrici gabet provi li minn proceduri li kienet istitwit mal-Ombudsman, giet intitolata ghal hlas ta’ *performance bonus* ta’ hamsa fil-mija (5%).

Fl-ebda mument, l-attici ma gabet xi provi dwar dak l-ammont li jirrapprezenta l-paga taghha u ghalhekk huwa difficli sabiex dan it-Tribunal ikollu indikazzjoni ta’ kemm hi l-paga u l-ammont ta’ *performance bonus* li ghandu jithallas. Madanakollu, il-Kunsill ma opponix ghal ammont pretiz mill-attrici, oppona biss li dan l-ammont ma kellux jithallas ghaliex l-attrici kienet damet barra mix-xoghol bil-*leave*, aktar milli kienet intitolata ghalih.

Is-Sindku Norbert Pace spjega ukoll li hu wasal biex jittermina l-impjieg tal-attrici, kif ukoll biex ma jaghtihiex *performance bonus,* ghaliex fuq ix-xoghol kienet qedgha tikkaguna hafna tensjoni u kien qed ikun hemm hafna dizgwid mal-impjegati fuq affarijiet zghar. Dan wassal ukoll ghal nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom, sakemm ma kienx possibli li l-attrici tibqa' fil-Kunsill ghaliex ma kienx qed isib kooperazzjoni minghandha, imma ostakoli biss.

Il-Ftehim Kollettiv, per se, jikkontempla li ta' l-anqas, u jigri x'jigri, l-ewwel hamsa fil-mija (5%) ghandhom jithallsu lill-impjegat, izda jekk ghandux jithallas aktar minn dak kkalkolat fuq hamsa fil-mija (5%) dan ma setax jeccedi l-ghaxra fil-mija (10%) mill-paga tal-attrici.
*In ogni caso*, l-attrici ghal darb'ohra naqset li taghti indikazzjoni tal-paga taghha f'dak iz-zmien, u ghalhekk huwa difficli ghat-Tribunal sabiex jaghmel il-kalkolazzjoniijiet b'mod gust. Pero, il-Kunsill konvenut, minkejja li kien ikkonferma li kienu ghaddew mozzjoni li ma jhallsux lill-attrici, seta' jcahhduha mill-*performance bonus*? Il-Kunsill qed jikkontesta li jhallas dan il-*bonus*, ghalkemm l-Ftehim Kollettiv ighid mod iehor, izda fl-istess waqt, lanqas ikkontesta l-ammont li qed jintalab bhala *performance bonus* li jfisser li anke jekk kemm il-darba kellha tithallas il-*performance bonus*, dak l-ammont pretiz mill-attrici kien accettabbli.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa biss it-talba attrici in kwantu tirrigwarda l-pretiz hlas ghal *performance bonus* fl-ammont ta' disa' mija u disghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€990.75), ekwivalenti ghal erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm425.33), rapprezentanti hamsa fil-mija (5%) *performance bonus* dovuta lill-attrici u tikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallasha dan l-ammont filwaqt li tichad il-kumplament tat-talba tal-attrici. L-ispejjes jithallsu skond ir-rispettiv telf u rebh. U bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------